MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 65/2015

**M E**

**vs**

**P J**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici M E li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1 “Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejnietom li min din ir-relazzjoni twieldet H J fit-30 ta' Awissu 2011;

2 Illi r-rikorrent mhux qed ihallas xejn lill-esponenti ghall-ispejjez u manteniment tal-minuri;

3 Illi ir-rikorrenti sa mit-twelid tal-minuri H E , din dejjem ghexet b'mod esklussiv ma' l-esponenti u l-intimat qatt ma zarha jew acceda ghaliha, illi ghalhekk ikun xieraq illi l-kura u l-kustodja tigi fdata f'idejn l-esponenti possibilment b'access ghall-intimat b'mod sorveljat.

4 Illi l-esponenti giet awtorizzata li tipprosegwi b'din il-kawza permezz ta' digriet tas-6 ta' Frar 2015 wara li gew intavolati zewg proceduri ta' medjazzjoni li ghalihom l-intimat qatt ma attenda.

5 Illi ghalhekk kellha tigi intavolata din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

1 Tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn il-intimata fl-ahjar interess tal-istess tal-minuri salv l-access skont dak li intqal aktar qabel ghall-rikorent fil-hin u granet stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;

2 Tordna l-hlas tal-manteniment xieraq ghall-bzonnijiet tal-minuri.

Bl-ispejjez l-rikorent huwa min issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.”

Rat li l-konvenut gie notifikat fl-20 ta' April 2015 izda ma pprezentax risposta guramentata u lanqas deher f'dawn il-proceduri.

Rat il-provi mressqa.

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2015 l-attrici pprezentat kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fl-udjenza tallum il-konvenut imsejjah ma deherx u ghalhekk il-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut qed jigi mehjusa ammessi.

Ikkonsidrat

**Provi**.

L-attrici xehdet bil-mezz ta' affidavit:-

*"Jiena, M E , kelli relazzjoni ma P J . Min din ir-relazzjoni kelna zewgt it-tfal, Shirona J u Shelise E . Matul ir-relazzjoni taghna kelna diversi problemi. P huwa persuna aggressiva u kien hemm diversi incidenti fejn huwa kien aggressiv u vjolenti lejja. Kemm il-darba kelna nidru quddiem il-qorti izda jien dejjem hfirtlu ghaliex kont inhobbu. Sakemm kont tqila b'Shirona kien hemm diversi drabi fejn hu refa idejh fuqi. Qisu bhal li kieku huwa qatt m'accetta il-fatt li konna ha nsiru genituri. L-atitudni tieghu nbidlet min mindu qedtlu l-ahbar li kont qed nistenna tarbija minghandu, Shirona. Wara li twieldet Shirona, P qatt ma kien ta' sapport ghalija, kemm finanzjarjament kif ukoll emozjonalment. Ghaliex ghalih kienu jigu l-hbieb l-ewwel imbghad jien u t-tifla. F' Dicembru 2011, iltqajna ukoll quddiem avukat u gie deciz li jtini €25 fil-gimgha ghal Shirona J ghaliex dak iz-zmien huwa ma kienx qed jahdem. Minkejja dan, huwa qatt ma zamm ma dan l-arrangament.*

*Ghalkemm ghaddejt min dan kollu, jien kont dejjem lesta li ntih cans iehor. Meta ddecidejt li nerga ntih cans iehor ghaliex ittamajt li huwa nbidel, ergajt hrigt tqila b'Shelise. Jiena kemm il-darba ghidtlu li ma rridx iktar tfal izda huwa ma tahx kasi. Wara li qedtlu li ergajt hrigt tqila, huwa mal-ewwel nnega li t-tarbija hija tieghu. Matul it-tqala u wara li twieldet it-tarbija, P qatt ma kien ta' sapport jew taghni ghajnuna ta' xi tip. Minhabba f'hekk, jiena ddecidejt li ntemm din ir-relazzjoni mieghu darba ghal dejjem. Minkejja li temmejt ir-relazzjoni, pruvajt nzomm kuntatt mieghu sabiex jghini fuq uliedna ghaliex ghalijja kienet difficli ferm nrabbi zewgt it-tfal wahdi. Huwa kien jahdem allura kont nitolbu sabiex jghini ghal bzonnijiet tat-tfal izda huwa dejjem irrifjuta. Minkejja dan, P baqa jgib ruhu b'mod*

*possessiv lejja. Kien jigi wara l-bieb ta' barra ta' dari sabiex jghamilli 1-ghassa. Barra min hekk, kemm il-darba kont inkun barra u nsibu jigri warajja. Din kienet tkun difficli hafna ghalija ghax kont nibza minnu. Hajti dejjem hekk, bil-biza li nkun barra jew nohrog mil-bieb ta' barra u niltaqa mieghu.*

*Wara dak kollu li ghaddejt minnu, ddecidejt li niftah kawza legali kontra P J . Jien nhoss li huwa ghandu jiehu r-responsabiltajiet taz-zewgt uliedu li qatt ma ha f'dawn is-snin kollha. Jien naghmel hafna sagrifficji ghal uliedi u kemm il-darba noqghod nieqsa jien sabiex naqdi ghal bzonnijiet bazici taghhom, bhal li jkollhom bizzejjed x'jieklu. Peress li P J jahdem u ghandu l-mezzi finanzjarji, nixtieq li huwa jghatini l-ghajnuna finanzjarja necessarja sabiex inrabbi lil uliedna. Ma jien qed nipretendi xejn iktar u nixtieq, anzi, li huwa jhallini nghix hajti darba ghal dejjem. Fi Frar 2015, rega kien hemm incident iehor fejn P J gie wara l-bieb ta' dari u gab ruhu b'majiera ntimidanti lejja. Jiena ghamilt rapport lil-pulizija u hemm kawza l-qorti rigward dan l-incident.*

*Jien bhalissa nircievi biss l-ghajnuna socjali li jammonta ghal €350 fix-xahar. Kull darba li mmur 1-ufficju tas-Servizzi Socjali dejjem jinfurmawni li ma nistax nircievi iktar flus minhabba li suppost qed itini manteniment P ta' Shirona J . Jien bi €350 fix-xahar irrid niehu hsieb li naqdi il-bzonnijiet kollha ta' uliedi li jinkludu ikel, xorb, vizti ghand tobba, medicina, affarjiet relatati ma 1-edukazzjoni ta' Shirona, hwejjeg, hrieqi u jien qed naghmel dan kollu wahdi. Ghalijja qed tkun difficli ferm li nlahhaq ma kollox wahdi. Skond l-informazzjoni li ghandi, P ghamel zmien jahdem il-Foster Clark u jista' jkun ghadu qed jahdem bhalissa ukoll. Minhabba li huwa jircievi l-paga, madwar €800 fix-xahar, allura huwa ghandu l-mezzi sabiex jaghtini  l-manteniment ghal Shirona J . Jien qed nitlob sabiex P itini €300 fix-xahar bhala manteniment”.*

Il-Kapitolu tal-attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut jaqra’ kif gej:-

*“Li biha trid tipprova bil-gurament tieghu li huwa debitur tal-attrici fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fir-rikors guramentat, mitejn u hamsin (€250) ewro kull erba’ gimghat.”*

Ikkonsidrat.

Mit-testimonjanza tal-attrici, li ma giet bl-ebda mod kontradetta, jirrizulta illi l-konvenut abbanduna lil bintu, l-minuri H E , peress li ma jaghtiha l-ebda sostenn la finanzjarju u lanqas emozjonali. Tenut kont it-testimonjanza tal-omm u tenut kont li l-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut gew meqjusa ammessi fl-udjenza tallum, il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba gimghat bhala manteniment ghall-minuri li ghandu jkopri wkoll l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

Sabiex jigu evitati diffikultajiet ta' ezekuzzjoni l-Qorti ser tordna li l-manteniment jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1. Tilqa' l-ewwel talba, takkorda s-setgha ta' krituri u l-kura u kustodja fuq il-minuri H J esklussivament f'idejn ommha l-attrici M E u maghha ghandha tirrisjedi.

2. Tilqa' t-tieni talba u todna lill-konvenut P J sabiex ihallas lil M E manteniment ghall-minuri H J fis-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimghat b'effett mill-24 ta' Marzu 2015 li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-Qorti tordna li l-manteniment hawn ordnat jigi mnaqqas mis-salarju tal-intimat u mhallas direttament lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------